MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 381/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Ana Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmi (LM435.73) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1006197 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2006 u Novembru 2006.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar, 2007 dawk tal-mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl- imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' l-konvenuta baqghet ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fil-11 ta' Gunju, 2007 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------